Nru./No. 21,304
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Awwissu, 2024
Tuesday, 27th August, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 24,267 - 24,310
Government Notices ..... *24,267 - 24,310*

Avviżi tal-Pulizija ..... 24,310 - 24,313
Police Notices ..... *24,310 - 24,313*

Avviżi lill-Baħħara ..... 24,313 - 24,315
Notices to Mariners ..... *24,313 - 24,315*

Avviżi tal-Gvern ..... 24,315 - 24,327
Notices ..... *24,315 - 24,327*

Offerti ..... 24,327 - 24,331
Tenders ..... *24,327 - 24,331*

Avviżi tal-Qorti ..... 24,331 - 24,374
Court Notices ..... *24,331 - 24,374*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1087

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova l-irtirar tal-Kurunell Claudio Spiteri mir-Riżerva Individwali tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mis-27 ta' Awwissu, 2024.

Is-27 ta' Awwissu, 2024

Nru. 1088

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova t-trasferiment tal-Kurunell Etienne Scicluna mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Regolari, meta rtira, b'seħħ mit-3 ta' Awwissu, 2024.

Is-27 ta' Awwissu, 2024

Nru. 1089

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI
FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA
TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,303 tat-23 ta' Awwissu, 2024 (Avviżi Legali 196 sa 198).

A.L. 196 tal-2024: Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573); Regolamenti tal-2024 dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi.

A.L. 197 tal-2024: Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati (Kap. 604); Regolamenti tal-2024 dwar il-Limitazzjoni fuq in-Numru ta' Residenti li jistgħu jokkupaw Dar Mikrija.

A.L. 198 tal-2024: *Product Safety Act (Cap. 427); Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment No. 2) Regulations, 2024*.

Is-27 ta' Awwissu, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 1087

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE PRESIDENT of Malta has been pleased to approve the retirement of Colonel Claudio Spiteri from the Armed Forces of Malta Individual Reserve of Officers, with effect from the 27th August, 2024.

27th August, 2024.

No. 1088

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE PRESIDENT of Malta has been pleased to approve the transfer of Colonel Etienne Scicluna from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Regular Reserve Force, on retirement, with effect from 3rd August, 2024.

27th August, 2024

No. 1089

LEGAL NOTICES
PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT
TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,303 of 23rd August, 2024 (Legal Notices 196 to 198).

L.N. 196 of 2024: Government Lands Act (Cap. 573); Amendment or Revocation of a Condition Imposed in a Contract of a Property Transferred by the Government, the Lands Authority or Ecclesiastical Entities by means of a Sale or Emphyteusis Regulations, 2024.

L.N. 197 of 2024: Private Residential Leases Act (Cap. 604); Limitation of the Number of Residents who may occupy a Leased Dwelling House Regulations, 2024.

L.N. 198 of 2024: Product Safety Act (Cap. 427); Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment No.2) Regulations, 2024.

27th August, 2024

Nru. 1090

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Ħatra ta' Membri tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija (2)

Emenda

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1056, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,302 tal-20 ta' Awwissu, 2024, ngħarrfu illi l-ħatra tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija (2) hija għall-perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mid-19 ta' Awwissu, 2024

Is-27 ta' Awwissu, 2024

No. 1090

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Independent Police Complaints Board (2)

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1056, published in Government Gazette No. 21,302 of 20th August, 2024, it is being notified that the appointment of the members of the Independent Police Complaints Board (2) is for a period of three (3) years with effect from 19th August, 2024.

27th August, 2024

Nru. 1091

KUNSILL GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikolu 24 (1) tal-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, approvat il-ħatra tas-Sa Mary Vella bħala membru fil-Kunsill għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità.

Din il-ħatra hija valida għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-22 ta' Lulju, 2024.

Is-26 ta' Awwissu, 2024

No. 1091

COUNCIL FOR THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY

IT is hereby notified that, in terms of Article 24 (1) of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), the Minister for Inclusion and the Voluntary Sector has approved the appointment of Ms Mary Vella within the Council for the Rights of Persons with Disability.

This appointment is valid for a period of three years with effect from 22nd July, 2024.

26th August, 2024

Nru. 1092

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Corazon Mizzi bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Vanessa Buttigieg u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Settembru, 2024 u l-11 ta' Settembru, 2024.

Illum il-Ħamis, 22 ta' Awwissu, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1092

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Corazon Mizzi to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Vanessa Buttigieg for the period between the 4th September, 2024 and the 11th September, 2024.

Today Thursday, 22nd August, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1093

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għal skopijiet ta' artikolu 3(2)(ċ) tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoo
Attività li ser tiġi rregolata	Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji huwa responsabbli sabiex jirregola ż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoos, madankollu, il-qafas legali eżistenti jeħtieġ li jiġi aġġornat sabiex jirrifletti l-iżviluppi u l-aktar importanti sabiex jipprovdi għall-infurzar aktar strett sabiex jiġu salvagwardjati kemm is-saħħa u l-benesseri ta' dawn l-annimali kif ukoll tal-pubbliku in ġenerali.
Entità responsabbli	Id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Sommarju u Sfond

2.1 Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

Ir-regolamenti proposti ser japplikaw aħjar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoo u qed jintroduċu wkoll kontrolli amministrattivi aktar stretti, l-eliminazzjoni u, jew l-evitar ta' irregolaritajiet fil-ġestjoni ta' żoos, l-esponiment ta' annimali selvaġġi għal kundizzjonijiet ta' alloġġ mhux sikuri jew abbużi oħra potenzjali ta' trattament mhux xieraq esperjenzati mill-annimali selvaġġi li jkunu esposti f'dawn l-istabbilimenti.

Iż-żoos huma attrazzjoni pubblika li dejjem issir aktar popolari mhux biss għall-familji iżda wkoll għall-istabbilimenti edukattivi bħal skejjel. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-saħħa tal-bniedem u jiġi salvagwardjat il-benesseri u s-saħħa tal-annimali selvaġġi miżmuma f'żoos, inkluż il-ħtieġa li jiġi żgurat taħriġ xieraq tal-persunal li jaħdem fiż-żoos, huwa mixtieq li l-qafas legali bażiku eżistenti jiġi sostitwit b'leġiżlazzjoni aħjar u mtejjba li hija wkoll kompatibbli mal-liġijiet tal-UE.

2.2 Konsultazzjoni Pubblika

Fid-9 ta' Novembru 2020, il-Gvern ippubblika dokument ta' konsultazzjoni li fih ġew introdotti l-proposti għal Avviż Legali bil-għan li jindirizza l-punti mhux irregolati fil-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità bl-iskop li jiġu introdotti l-liċenzjar, ir-reġistrazzjoni u l-ispezzjoni ta' żoos fit-territorju ta' Malta bil-għan li jissaħħu l-irwoli taż-żoos fil-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri ta' annimali selvaġġi u l-protezzjoni tal-pubbliku minn dawn l-annimali.

L-objettiv kien li l-pubbliku jkun mistieden jirrevedi l-abbozz tal-Avviż Legali u jipprovdil-l-opinjonijiet jew suġġerimenti tiegħu fuq ir-regolamenti proposti, b'mod partikolari kwalunkwe aspett u punti li jistgħu jwasslu għat-titjib tas-saħħa u l-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità.

Il-konsultazzjoni talbet l-opinjonijiet fuq l-Avviż Legali sħiħ, b'mod partikolari dwar kwalunkwe aspett u kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għat-titjib tas-saħħa u l-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità.

Kien hemm total ta' 1,506 sottomissjoni. Dawn ġew irċevuti minn setturi varji inkluż korpi konsultattivi, awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, individwi privati, veterinarji u persuni li jżommu l-annimali.

3. Ħarsa Ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

L-avviż legali jikkonsisti f' sitta u għoxrin (26) regolament u Skeda li għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar is-segwenti suġġetti:

1. Titolu, bidu fis-seħħ, għan, applikabbiltà u perjodu tranżitorju
2. Tifsir
3. Liċenzjar ta' żoo
4. Kundizzjonijiet oħra għall-ħruġ ta' liċenzji
5. Magħlaq
6. Rekwiżiti għall-annimali
7. Annimali perikoluż
8. Twelid u mewt ta' annimali.
9. Konfiska ta' annimali
10. Karkassi tal-annimali
11. Riċerka u konservazzjoni
12. It-tgħammir talannimali.
13. Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali
14. Sustanzi u strumenti
15. Ir-Reġistru ta' Annimali Perikoluż f'Żoos u rekords li għandhom jinżammu middetentur tal-liċenzja.
16. Spezzjonijiet
17. Avviż ta' infurzar
18. Għeluq ta' żoos
19. Dritt ta' appell
20. L-applikabbiltà ta' liġijiet oħra.
21. Rekwiżiti addizzjonali
22. Reati u pieni
23. Tħassir
24. Emenda Konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluzi
25. Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti tal-2021 dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali
26. Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż
Skeda – Lista ta' annimali perikoluż

4. Kummentarju fuq ir-regolamenti

Regolament 1 - It-titolu u l-iskop ta' dawn ir-regolamenti għandhom l-għan: li jtejbu it-trattament xieraq tal-annimali miżmuma f'żoos u li jsaħħu r-rwol taż-żoos fil-konservazzjoni tal-bijodiversità, li jipproteġu s-saħħa u l-benesseri tal-annimali selvaġġi kif ukoll li jfittxu jipproteġu l-pubbliku minn dawn l-annimali. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal:

detenturi ta' liċenzja ta' żoo;

żoos li ma jkunux liċenzjati skont dawn ir-regolamenti u dan limitatament għall-finijiet ta' infurzar; u

annimali li jinsabu f'żoo liċenzjat jew li jinsabu fi kwalunkwe sit li qiegħed jiġi operat bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll għaż-żoos eżistenti liċenzjati b' perjodu tranżitorju ta' sena sabiex ikunu konformi mar-regolamenti proposti fir-rigward tal-magħlaq.

Regolament 2 - Numru ta' tifsiriet qed jiġu introdotti, prinċipalment it-tifsira ta' applikant li għandu jkun il-persuna li għandha l-intenzjoni li timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo, it-terminu annimal perikoluż jirreferi għall-annimali elenkati fl-Iskeda u t-tifsira ta' annimali eżotiċi li għandu jkollhom it-tifsira ta' annimali li mhumiex indiġeni għat-territorju ta' Malta u li mhumiex imrobbija jew imrobbija regolarment bħala annimali tar-razzett f'Malta.

It-terminu magħlaq qed jiġi propost ukoll bħala spazju magħluq li fih jistgħu jinżammu l-annimali skont kif stipulat f'dawn ir-regolamenti proposti.

It-tifsira ta' detentur tal-liċenzja tispeċifika illi hija persuna li għandha liċenzja ta' żoo skont dawn ir-regolamenti.

Għandu jkun hemm ukoll reġistru li fih jiġu rreġistrati l-annimali kollha perikoluż elenkati fl-Iskeda u li għandu jinżamm mid-Direttur u msejjaħ "Ir-Reġistru ta' Annimali Perikoluż f'Żoos".

It-terminu żoo huwa definit bħala l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu l-annimali perikoluż, eżotiċi u, jew annimali selvaġġi għal skop ta' esebizzjoni lill-pubbliku kemm jekk titħallas jew ma titħallasx miżata għad-dħul, u bl-eċċezzjoni ta' pet shops.

Regolament 3 - Kwalunkwe persuna li jkollha l-intenzjoni li topera żoo għandha tapplika għal liċenzja mad-Direttur għas-Servizzi Veterinarji permezz tal-formola idoneja.

Regolament 4 - Detentur ta' liċenzja għandu jkollu biss liċenzja waħda li għandha tkun valida għal perjodu ta' sena mid-data ta' meta inħarġet. Dawk li diġà qed joperaw żoo għandhom japplikaw għat-tiġdid tal-liċenzja tagħhom mad-Direttur.

Kopja tal-liċenzja u, jew liċenzja mġedda għandha titqiegħed fid-daħla prinċipali taż-żoo u n-numru tal-liċenzja għandu jiġi inkluż fuq kwalunkwe materjal promozzjonali.

Fl-applikazzjoni tagħhom sabiex jiksbu liċenzja ta' żoo, l-applikanti għandhom jinkludu id-dettalji kollha meħtieġa bħall-mezzi irriversibbli ta' identifikazzjoni tal-annimali, l-adegwatezza tas-sit u l-magħlaq, miżuri sabiex jiżguraw is-sikurezza u l-benesseri tal-annimali u tal-pubbliku ġenerali, il-permessi kollha meħtieġa mil-liġi u l-informazzjoni kollha dwar il-membri tal-persunal u l-kuntratturi involuti fil-ġestjoni tal-annimali. Kwalunkwe bidla fil-membri tal-persunal jew tal-kuntratturi, għandha tiġi nnotifikata lid-Direttur fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn tali bidla.

Applikazzjoni tista' tintlaqa' jew tiġi rifjutata. Id-Direttur jista' jilqa' biss applikazzjoni għal liċenzja ta' żoo wara li jitħallsu l-miżati relevanti hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għaż-Żamma ta' Annimali f' Żoos u meta l-applikant u l-membri tal-persunal jew il-kuntratturi għandhom l-għarfien u, jew l-esperjenza meħtieġa, fejn id-detentur tal-liċenzja għandu biżżejjed għarfien dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija xierqa ta' żoo u l-immaniġġjar xieraq tal-annimali, l-applikant u l-membri tal-persunal ikunu jafu kif jista' jiġi evitat li annimal jaħrab u li l-applikant u l-persunal ma jkunux instabu ħatja ta' kwalunkwe reat li jinvolvi t-trattament ħażin tal-annimali jew kwalunkwe reat ieħor kontra l-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali u, jew ir-regolamenti magħmula.

Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni għal-liċenzja ta' żoo għal kwalunkwe raġuni li hu jqis raġjonevoli u fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimal u s-sigurtà tal-pubbliku ġenerali.

L-ebda annimal perikoluż elenkat fl-Iskeda ma għandu jiġi introdott f'żoo. Madankollu, dan ma għandux japplika fir-rigward ta' annimal perikoluż jekk jinġieb fiż-żoo għall-finijiet ta' riċerka u konservazzjoni kif stabbilit fir-regolament 11. M'għandux japplika wkoll għal trasferimenti ta' annimali perikoluż minn żoo għal żoo ieħor fejn f' tali ċirkostanzi, l-approvazzjoni tad-Direttur hija dejjem meħtieġa qabel it-trasferiment.

Għandu jkun hemm ukoll obbligazzjoni fuq kull detentur tal-liċenzja sabiex ikun kopert b'polza tal-assikurazzjoni għal telf jew ħsarat potenzjali li jistgħu jiġu kkawżati lill-partijiet terzi.

Regolament 5 - Fir-rigward tal-magħlaq, dawn ir-regolamenti jistipulaw li l-annimali kollha, irrispettivament jekk perikoluż jew le, għandhom jinżammu f'magħlaq adegwat u sigur li jirrispetta ir-rekwiżiti speċifiċi u individwali tal-fiżjoloġija, il-psikoloġija, il-konservazzjoni u l-imġiba tal-annimal.

Il-magħlaq li jinżammu fihom l-annimali għandhom ikunu mibnija b'materjal b' saħħtu u li jservi fit-tul sabiex jiġi limitat kwalunkwe korriment possibbli jew ħarba. Iż-żoos li jinżammu fihom annimali perikoluż kif stipulat fl-Iskeda għandhom ifasslu miżuri bil-miktub għall-prevenzjoni u l-irkupru ta' annimali maħruba. Il-persunal għandu wkoll jiġi mħarreġ fl-evakwazzjoni tal-pubbliku f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fil-każ fejn annimal jaħrab, id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lid-Direttur fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

Id-Direttur jista' jitlob li l-magħlaq li jinżammu fihom ċertu annimali, ikollhom kamra fuq quddiem, b'sistema doppja ta' bibien li ma tkunx tista' tinfetaħ b'mod simultanju b'bieb separat magħmul minn materjal li huwa b'saħħtu u li jiflaħ għal tul ta' żmien, fejn kull bieb ikun jista' jiġi msakkar u miftuħ b'mod faċli mill-kustodju tal-annimal, li jkollhom mekkaniżmu li jissakkar u li mhux faċli jinfetaħ mill-annimal u li jinkludu sistema ta' trażżin tal-annimal kif meħtieġ għall-aċċess meħtieġ għall-għalf, it-tindif, l-amministrazzjoni ta' mediċina jew xort' oħra.

Barra minn hekk, subregolament ieħor importanti hu li d-detenturi tal-liċenzja ser ikunu meħtieġa mid-Direttur sabiex il-magħlaq jiġu ssorveljati b' sistemi tat-televiżjoni b' ċirkwit magħluq (CCTV) għal erbgħa u għoxrin (24) siegħa kull jum, sebat ijiem (7) fil-ġimgħa b' recordings tal-ħamest (5) ijiem preċedenti aċċessibbli meta mitluba mid-Direttur, fost rekwiżiti oħra.

Dawn ir-regolamenti jipproponu wkoll li l-annimali ma jinżammux f'magħlaq differenti minn dak il-magħlaq li suppost ikunu fih sakemm ma tingħatax l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mid-Direttur.

Finalment, sinjali relatati mas-sigurta' taż-żona għandhom jintwerew ħdejn kull magħlaq.

Regolament 6 - Il-piż u r-responsabbiltà tal-annimali li jinsabu fiż-żoo u dak kollu li jista' jiġri fiż-żoo għandhom jinġarru mid-detentur tal-liċenzja.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-annimali, din għandha tkun fil-forma ta' tpinġija (tattoo), ta' tagħmir intra-kapsulari konformi mal-istandard ISO 11784, jew l-istandard ISO 11785

f'Anness A, u, jew profil tad-DNA, li jiddependi mill-aħjar metodu għall-annimal partikolari jew kwalunkwe mezz ieħor li d-Direttur jista' jqis bħala addattat, meta jkun meħtieġ.

Id-detentur tal-liċenzja għandu jkun responsabbli li jżomm standard għoli ta' trobbija tal-annimali bi programm dwar is-saħħa tal-annimali, in-nutrizzjoni u l-benesseri tal-annimali żviluppat minn kirurgu veterinarju. Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ standards minimi relatati mal-faċilitajiet tas-saħħa fuq is-sit. Dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Ir-regolamenti proposti jipprojbixxu li kwalunkwe persuna tirrilaxxa deliberatament jew tipprova tħarrab annimal fl-ambjent naturali, sakemm dan ma jkunx debitament awtorizzat mid-Direttur.

Regolament 7 - Bħal fil-każ tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 439.19 – ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi, dawn ir-regolamenti jinkludu wkoll proviso fejn id-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala perikoluż u għaldaqstant, tali annimal għandu jiġi identifikat bħallikieku fil-lista tal-Iskeda.

F'dan il-każ, jekk annimal jitqies bħala annimal perikoluż u ma jkunx elenkat bħala tali fl-Iskeda, id-Direttur jista' joħroġ ordni ta' emerġenza fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun validu għal perjodu ta' sitt (6) xhur jew aktar, u li jkollha l-istess effett daqslikieku l-annimal perikoluż kien inkluż fil-lista.

L-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mid-Direttur hi meħtieġa sabiex annimal perikoluż ikun jista' jiġi trasferit f'żoo ieħor liċenzjat. Madanakollu, f'każijiet ta' trasferiment jew konfiska, jekk l-ebda żoo ieħor liċenzjat ma jista' jżomm it-tali annimal, id-Direttur jista' jfittex l-assistenza tad-detentur tal-liċenzja li għandu annimali perikolużi jew jikkonfiska t-tali annimal u jiddisponi minnu bl-aktar mod addattat.

Proposta importanti oħra hija li l-interazzjoni umana mal-annimali m'għandha fl-ebda każ tkun permessa sakemm ma tkunx permessibli skont linji gwida li jistgħu jinħarġu mid-Direttur minn żmien għal żmien. Barra minn hekk, fil-każ li l-interazzjoni umana ma' annimali perikolużi hija permessa, din għandha tkun limitata għal annimali perikolużi mgħammra skont dawn ir-regolamenti u fejn tali interazzjoni umana ma tikkompromettix il-benessri tal-annimal u, jew ma titqiesx ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà ta' annimali oħra. Kwalunkwe tip ta' interazzjoni umana għandha ssir taħt superviżjoni f'kull waqt. Jekk kwalunkwe detentur tal-liċenzja ma jimxix mal-istruzzjonijiet u l-linji gwida, id-detentur tal-liċenzja jista' jkollu l-liċenzja rivokata.

Barra minn hekk, dan ir-regolament jistipola illi kwalunkwe annimal introdott f'żoo liċenzjat għandu jkun trabba fil-magħluq u d-dettalji mitluba għandhom kollha jkunu disponibbli.

Regolament 8 - Fir-rigward ta' twelid ta' frieħ ta' annimali perikolużi li jinsabu fiż-żoo, id-detentur tal-liċenjza għandu jinnotifika lid-Direttur fi żmien erbat (4) ijiem mit-twelid. Tali ferħ għandu jiġi identifikat u rreġistrat mad-Direttur skont l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439) u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437), fi żmien tliet (3) ġimgħat mid-data tat-twelid.

L-imwiet ta' annimali perikolużi wkoll għandhom jiġu kkomunikati lid-Direttur fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa u min-naħa tiegħu dan jista' jwettaq spezzjoni jew jordna nekroskopija sabiex jikkonferma l-każ.

Regolament 9 - Il-konfiska ta' annimali għandha tkun fid-diskrezzjoni tad-Direttur f'każijiet fejn l-annimal ikun soġġett jew li probabbli ser ikun soġġett għal trattament ħażin jew b'rabta ma' reat li jkun sar jew li jkun probabbli li ser isir skont dawn ir-regolamenti jew l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Regolament 10 - Fir-rigward tar-rimi ta' karkassi ta' annimal, din għandha ssir skont ir- Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali).

Regolament 11 - Id-Direttur g]andu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti biex jiżgura li z-zoos kollha jipprovdu u jimxu ma' 2 programmi komprensivi li għandhom x'jaqsmu mar-riċerka u l-konservazzjoni.

Id-detentur tal-liċenzja ta' żoo għandu jipprovdi filwaqt li jsegwi programm komprensiv minn tal-anqas tnejn minn dawn li ġejjin:

a) il-parteċipazzjoni fir-riċerka li minnha jakkumulaw benefiċċji ta' konservazzjoni għall-ispeċi,
b) taħriġ fil-ħiliet relevanti ta' konservazzjoni,
c) l-iskambju ta' informazzjoni b'rabta mal-konservazzjoni tal-ispeċi,
d) fejn addattat, tgħammir fil-magħluq kif stipulat fir-regolament 12; u
e) il-popolazzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi fl-ambjent selvaġġ.

Regolament 12 - It-tgħammir ta' annimali perikolużi m'għandux jkun permess sakemm ma jkunx approvat mid-Direttur wara applikazzjoni. Id-detentur tal-liċenzja, wara r-rakkomandazzjoni li ssir minn kirurgu veterinarju, għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet li jsegwu huma milħuqa:

a) id-disponibbiltà ta' spazju u magħlaq xieraq sabiex tiġi evitata s-sovrapopolazzjoni;
b) iż-żamma ta' popolazzjoni tal-annimali taż-żoo stabbli u sostenibbli;
ċ) iż-żamma tad-diversità ġenetika u l-prevenzjoni tad-dipressjoni tat-tnissil;
d) il-konservazzjoni tal-ispeċi;
e) is-segwitu ta' programm ta' tnissil;
f) kollaborazzjoni ma' żoo internazzjonali akkreditat jew assoċjazzjoni taż-żoo internazzjonalment akkreditata u magħrufa.

F'każ meta t-tgħammir ma jkunx approvat mid-Direttur, għandhom jiġu implimentati miżuri bħas-separazzjoni fiżika tas-sessi, metodi ormonali jew kirurġiċi jew kwalunkwe miżura oħra addattata sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' tgħammir mhux mixtieq.

Barra minn hekk, iż-żoos għandhom jippromwovu l-edukazzjoni u l-għarfien fost il-pubbliku b'rabta mal-konservazzjoni tal-bijodiversità, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni dwar l-ispeċi esebiti u l-abitati naturali tagħhom u għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibli sabiex jipprevjenu l-ħarbien tal-annimali, sabiex jevitaw il-possibiltà ta' theddid ekoloġiku fuq speċi indiġeni.

Regolament 13 – Dan ir-regolament jistabbilixxi fond imsejjaħ "l-Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u r-Riċerka". Dan il-Fond għandu jintuża minn istituzzjonijiet edukattivi rikonoxxuti għall-finijiet tar-riċerka xjentifika, l-edukazzjoni, ir-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u l-għanijiet ta' konservazzjoni tal-annimali fiż-żoos. Id-drittijiet pagabbli lil dan il-fond huma stabbiliti fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għaż-Żamma ta' Annimali f' Żoos.

Regolament 14 - Ladarba l-annimali perikoluzi huma meqjusa bħala riskju għoli kemm għal annimali oħra kif ukoll għall-pubbliku, id-detentur tal-liċenzja jista' jintalab iżomm sustanzi partikolari, strumenti jew kemm sustanzi u strumenti meqjusa bħala neċessarji. Id-detenturi tal-liċenzja li għandhom annimali perikoluzi, għandhom iżommu pistola trankwillanti u, jew kwalunkwe strument jew tagħmir addattat fiż-żoo, madanakollu id-detenturi tal-liċenzja għandhom jassiguraw li liġijiet oħra fir-rigward tat-tali strumenti jiġu segwiti. Kwalunkwe sustanza psikotropika u, jew perikoluża aċċessibbli għad-detentur tal-liċenzja għandha tiġi akkwistata u fornuta mill-ġdid bl-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur. Madanakollu d-Direttur jista' jirrifjuta tali awtorizzazzjoni. Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm rendikont tas-sustanzi li jintużaw fuq l-annimali.

Regolament 54 - Fir-rigward taż-żamma ta' rekords, id-Direttur għandu jżomm id-dettalji kollha taż-żoos liċenzjati inkluż id-dettalji tad-detentur tal-liċenzja u d-dettalji ta' kuntatt ta' d-detentur, l-indirizz sħiħ taż-żoo fejn qed jinżammu l-annimali, pjanta tas-sit bil-post eżatt ta' fejn jinżammu l-annimali indikat, pjan uffiċjali tas-sit tal-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet in-numru u l-ispeċi ta' annimali perikoluzi awtorizzati li jinżammu fiż-żoo, lista tal-persunal li jieħu ħsieb il-kura tal-annimali u l-kuntratturi fi ħdan iż-żoo u d-dettalji tal-kirurgu veterinajru responsabbli miż-żoo.

Id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm rekords b'rabta mal-annimali li għandhom jinkludu l-ismijiet xjentifiċi u komuni tal-ispeċi tal-annimali, il-mezzi irriversibli ta' identifikazzjoni tal-annimal, it-traċċibilita' sħiħa tal-oriġini tal-annimali, inkluż l-ismijiet sħaħ tal-persuni u, jew entitajiet, l-indirizz tagħhom, id-dettalji ta' kuntatt u d-dettalji tal-konnessjoni tagħhom mal-annimali minn meta l-annimal twieled sal-aħħar sid qabel ma l-annimal ġie trasferit għaż-żoo, l-istorja medika u kirurġika tal-annimal, ċensiment iddettaljat u aġġornat tal-annimali, inkluż il-kawża tal-mewt tal-annimali li jinsabu mniżżla fi Skeda u dokumenti b'rabta mat-trasferiment tal-annimali.

Id-dententur tal-liċenzja għandu jżomm rekord ta' sustanzi, inkluż in-numru tal-lott, il-kwantità tas-sustanza użata u l-ħin, il-post u r-raġuni għall-użu tas-sustanza. Dawn ir-rekords għandhom ikunu aċċessibbli fuq talba mid-Direttur.

Regolament 16 - Għandhom isiru spezzjonijiet kull sena mid-Direttur, madanakollu huwa jista' jwettaq spezzjoni fi kwalunkwe waqt u fid-diskrezzjoni tiegħu.

Qabel tingħata liċenzja lil żoo jew it-tiġdid ta' liċenzja ta' żoo, għandha ssir spezzjoni bil-għan li jiġi assigurat li d-detentur tal-liċenzja huwa konformi ma' dawn ir-regolamenti. Barra minn hekk, id-Direttur jista' jagħżel li jagħmel spezzjoni mingħajr preavviż jekk ikun hemm is-suspett li qed jinżammu l-annimali mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni.

L-awtorità tad-Direttur li jispezzjona hija estiża għal kwalunkwe magħlaq, tagħmir, sustanzi u dokumenti bil-għan li jaċċerta ż-żamma addattata, is-saħħa u l-benesseri ta' kwalunkwe annimal kif ukoll l-amministrazzjoni proprja tas-sustanzi, it-tagħmir u l-konformità ma' dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet imposti fuq id-detentur tal-liċenzja.

Barra minn hekk, id-Direttur jista' jitlob l-assistenza tal-Pulizija fi kwalunkwe ħin qabel u, jew waqt l-ispezzjoni.

Regolament 17 - Tista' tinħareġ notifika ta' infurzar fuq kwalunkwe detentur ta' liċenzja jew persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti meta ma jkunx hemm konformità ma' dawn ir-regolamenti jew mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja. Notifika ta' infurzar tista' tinħareġ fuq kwalunkwe detentur ta' liċenzja jew persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti li:

ma ssodisfax il-kundizzjonijiet tal-liċenzja u, jew li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti,

qed iżomm annimal b'mod mhux addattat,

qed iżomm annimal f'magħlaq li ma jissodisfax l-istandards mixtieqa,

kiser b'xi mod ieħor dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe liġijiet oħra applikabbli.

Proposta importanti oħra hija li fil-każ fejn l-avviż ta' infurzar ma jkunx jista' jiġi nnotifikat

għal xi raġuni jew oħra fuq id-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li tkun qiegħda topera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, l-avviż ta' infurzar għandu jitwaħħal f'post viżibbli għall-pubbliku.

Barra minn hekk, id-Direttur jista' fi kwalunkwe ħin jirtira n-notifika ta' infurzar, jestendi l-perjodu għall-konformità ta' kwalunkwe rekwiżit li jkun fiha n-notifika ta' infurzar jew jimmodifika n-notifika ta' infurzar.

Regolament 18 - Id-Direttur jista' jordna l-għeluq taż-żoo jew parti minnu jekk ma jkunx hemm konformità mal-kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzja jew ir-regolamenti mhux qed jiġu segwiti. Mal-għeluq taż-żoo jew parti minnu, il-Pulizija tista' tassisti lid-Direttur fl-operazzjoni ta'għeluq u konfiska tal-annimali u l-post jinżamm taħt ir-responsabbiltà tal-Pulizija.

Barra minn hekk, id-Direttur jista' jordna l-konfiska tal-annimali fuq is-sit mal-għeluq taż-żoo jew parti minnu, madanakollu, dawn jistgħu jiġu rilokati, lokalment jew barra l-pajjiż għas-spejjeż tad-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li tkun qed topera mingħajr liċenzja.

Id-Direttur għandu jordna wkoll l-għeluq immedjat ta' sit li jkun qiegħed jiġi operat bħala żoo mhux liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

Matul il-perjodu ta' għeluq, id-Direttur għandu jassigura li l-annimali jiġu trattati, rilokati jew meħlusa skont il-kundizzjonijiet stipulati minnu.

L-ewtenazja tal-annimali hija permissibbli biss meta hija konformi mal-prinċipji tal-konservazzjoni u l-benesseri tal-ispeċi, u ma nstabet l-ebda alternattiva oħra għar-rilokazzjoni jew iż-żamma tal-annimali, sabiex tiġi żgurata s-sikurezza pubblika fil-kaz li s-sikurezza pubblika tiġi kompromessa mill-annimali, jew fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali f'każ li jkun hemm potenzjal ta' tixrid ta' mard trazmissibbli tal-annimali.

Annimali perikoluži li jinsabu f'żoo jew f'xi sit mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-Direttur u mhux skont dawn ir-regolamenti, jistgħu jitpoġġew taħt l-awtorità tad-Direttur u, jew jistgħu jiġu rilokati għal post ieħor addattat għas-spejjeż tad-detentur tal-liċenzja jew għas-spejjeż tall-persuna responsabbli miż-żamma tal-annimal perikoluż mingħajr awtorizzazzjoni.

Id-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti b'kollaborazzjoni mad-Direttur għandu jwettaq kwalunkwe rilokazzjoni tal-annimali u d-Direttur għandu jassigura li l-annimali waslu b' mod sikur fid-destinazzjoni indikata.

Qabel isseħħ ir-rilokazzjoni tal-annimal, id-detentur tal-liċenzja jew il-persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti jkun għadu responsabbli mill-annimal.

Kwalunkwe spejjeż involuti ma' dak kollu involut relatat mal-proċess ta' dan ir-regolament għandhom jitħallsu biss mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

Id-Direttur ma għandu jinżamm responsabbli għall-ebda kwistjoni matul il-konfiska, ir-rilokazzjoni, it-trasportazzjoni jew il-moviment tal-annimal imsemmi.

Kull ħarba ta'annimali perikoluži għandha tiġi rrappurtata immedjatament mid-detentur tal-liċenzja u, jew mill-persuna li jkun qiegħed jopera sit bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti, lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Barra minn hekk, kwalunkwe spejjeż involuti b'rabta mal-qbid tal-annimal maħrub jew rilaxxat, għandhom jitħallsu mid-detentur tal-liċenzja jew mill-persuna li tkun qiegħda żżomm l-annimal perikoluż mingħajr awtorizzazzjoni.

Regolament 19 - Id-deċiżjonijiet tad-Direttur skont dawn irregolamenti għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien għoxrin (20) ġurnata) mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

Regolament 20 - Dawn ir-regolamenti m'għandhom bl-ebda mod jiġu interpretati f' sens jillimitaw, jissostitwixxu jew jeskludu l-applikabbiltà ta' kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra, inkluż dawk relatati man-negozju, il-moviment u l-importazzjoni ta' annimali, u l-pussess ta' sustanzi jew armi.

Regolament 21 - Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jipprovdi għal kwalunkwe rekwiżit addizzjonali fir-rigward taż-żamma tal-annimali u sabiex jipprovdi għall-istabbiliment ta' eżamijiet immirati sabiex jaċċertaw l-għarfien tal-applikant dwar ir-rekwiżiti tal-benesseri u s-sikurezza ta' annimal partikolari qabel ma jawtorizza lill-applikant imsemmi sabiex iżomm kwalunkwe annimal.

Regolament 22 - Fir-rigward ta' reati u pieni, dawn ir-regolamenti jistabbilixxu li l-pieni applikabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439). Barra minn hekk, din il-liġi tagħti s-setgħa lid-Direttur sabiex meta huwa jqis li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti, huwa jkun jista' jimponi piena amministrattiva skont artikolu 47 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Regolament 23 - Dawn ir-regolamenti għandhom iħassru l-liġi sussidjarja preżenti.

Regolament 24 – Jemenda r-Regolamentdi dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż fejn tiġi definita l-kelma żoo kif definita fit-tifsiriet f'dawn ir-regolamenti.

Regolament 25 – Jemenda r-Regolamenti tal-2021 dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mewttqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, fejn tiġi sostitwita l-iskeda 'Żoos u ż-Żamma ta' annimali perikoluż'. Din is-sezzjoni tistipola penali għal persuni u entitajiet illi jimmaniġġjaw, jorganizzaw, ifaqqfu jew joperaw żoo mingħajr liċenzja, persuni li jżommu annimali perikoluż f'sit mhux reġistrat, persuni li jżommu annimali perikoluż mhux reġistrati f'sit mhux reġistrat, persuni illi jżommu l-annimali f'kundizzjonijiet inadegwati ta' għeluq u mikroklima wara li tinħareġ il-liċenzja, persuni illi jżommu jew jintroduċu annimali perikoluż mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur f'sit reġistrat jew żoo liċenzjat, jew f'sit li qed jitħaddem bħala żoo mhux liċenzjat.

Regolament 26 – Jemenda l-iskeda tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż billi jissostitwixxi il-Lista ta' Annimali Perikoluż bl-iskeda tal-Lista ta' Annimali Perikoluż ta' dawn ir-regolamenti.

L-iSkeda - Lista ta' annimali perikoluż.

5. Konklużjoni

Il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hija meħtieġa ħafna sabiex jiġi żgurat li l-benesseri tal-annimali li jinżammu f'żoo jiġi salvagwardjat bl-aħjar mod possibbli u sabiex tiġi pprovduta leġiżlazzjoni sabiex jiġu indirizzati d-diversi kwistjonijiet li d-Dipartiment jiltaqa' magħhom fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont id-dispożizzjonijiet taħt l-Att prinċipali u regolamenti oħra.

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba bħala deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjonijiet awtoritattivi fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-27 ta' Awwissu, 2024

Linji Gwida

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2024 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos
Attività li ser tiġi rregolata	Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji huwa responsabbli sabiex jirregola ż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoos, madankollu, il-qafas legali eżistenti jeħtieġ li jiġi aġġornat sabiex jirrifletti l-iżviluppi u l-aktar importanti sabiex jipprovdi għall-infurzar aktar strett sabiex jiġu salvagwardjati kemm is-saħħa u l-benesseri ta' dawn l-annimali kif ukoll tal-pubbliku in ġenerali.
Entità responsabbli	Id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Taqsira u l-isfond

2.1 Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

Ir-regolamenti proposti ser japplikaw aħjar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoo u qed jintroduċu wkoll kontrolli amministrattivi aktar stretti, l-eliminazzjoni u, jew l-evitar ta'

irregolaritajiet fil-ġestjoni ta' żoos, l-esponiment ta' annimali selvaġġi għal kundizzjonijiet ta' alloġġ mhux sikuri jew abbużi oħra potenzjali ta' trattament mhux xieraq esperjenzati mill-annimali selvaġġi li jkunu esposti f'dawn l-istabbilimenti.

Iż-żoos huma attrazzjoni pubblika li dejjem issir aktar popolari mhux biss għall-familji iżda wkoll għall-istabbilimenti edukattivi bħal skejjel. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-saħħa tal-bniedem u jiġi salvagwardjat il-benesseri u s-saħħa tal-annimali selvaġġi miżmuma f'żoos, inkluż il-ħtieġa li jiġi żgurat taħriġ xieraq tal-persunal li jaħdem fiż-żoos, huwa mixtieq li l-qafas legali bażiku eżistenti jiġi sostitwit b'leġiżlazzjoni aħjar u mtejjba li hija wkoll kompatibbli mal-liġijiet tal-UE.

2.2 Konsultazzjoni Pubblika

Fid-9 ta' Novembru 2020, il-Gvern ippubblika dokument ta' konsultazzjoni li fih ġew introdotti l-proposti għal Avviż Legali bil-għan li jindirizza l-punti mhux irregolati fil-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità bl-iskop li jiġu introdotti l-liċenzjar, ir-reġistrazzjoni u l-ispezzjoni ta' żoos fit-territrorju ta' Malta bil-għan li jissaħħu l-irwoli taż-żoos fil-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri ta' annimali selvaġġi u l-protezzjoni tal-pubbliku minn dawn l-annimali.

L-objettiv kien li l-pubbliku jkun mistieden jirrevedi l-abbozz tal-Avviż Legali u jipprovdil-l-opinjonijiet jew suġġerimenti tiegħu fuq ir-regolamenti proposti, b'mod partikolari kwalunkwe aspett u punti li jistgħu jwasslu għat-titjib tas-saħħa u l-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità.

Il-konsultazzjoni talbet l-opinjonijiet fuq l-Avviż Legali sħiħ, b'mod partikolari dwar kwalunkwe aspett u kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għat-titjib tas-saħħa u l-protezzjoni tal-fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tal-bijodiversità.

Kien hemm total ta' 1,506 sottomissjoni. Dawn ġew irċevuti minn setturi varji inkluż korpi konsultattivi, awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, individwi privati, veterinarji u persuni li jżommu l-annimali.

3. Ħarsa Ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

L-avviż legali jikkonsisti f' sitta u għoxrin (26) regolament u Skeda li għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar is-segwenti suġġetti:

1. Titolu, bidu fis-seħħ, għan, applikabbiltà u perjodu tranżitorju
2. Tifsir
3. Liċenzjar ta' żoo
4. Kundizzjonijiet oħra għall-ħruġ ta' liċenzji
5. Magħlaq
6. Rekwiżiti għall-annimali
7. Annimali perikoluż
8. Twelid u mewt ta' annimali.
9. Konfiska ta' annimali
10. Karkassi tal-annimali
11. Riċerka u konservazzjoni
12. It-tgħammir tal-annimali.
13. Fond għall-Għarfien u r-Riċerka dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali
14. Sustanzi u strumenti
15. Ir-Reġistru ta' Annimali Perikoluż f'Żoos u rekords li għandhom jinżammu mid-detentur tal-liċenzja.
16. Spezzjonijiet
17. Avviż ta' infurzar
18. Għeluq ta' żoos
19. Dritt ta' appell

20. L-applikabbiltà ta' liġijiet oħra.
21. Rekwiżiti addizzjonali
22. Reati u pieni
23. Tħassir
24. Emenda Konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluzi
25. Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti tal-2021 dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali
26. Emenda konsegwenzjali għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż
Skeda – Lista ta' annimali perikoluż

4. Kummentarju fuq ir-regolamenti

Regolament 1 - It-titolu u l-iskop ta' dawn ir-regolamenti għandhom l-għan: li jtejbu it-trattament xieraq tal-annimali miżmuma f'żoos u li jsaħħu r-rwol taż-żoos fil-konservazzjoni tal-bijodiversità, li jipproteġu s-saħħa u l-benesseri tal-annimali selvaġġi kif ukoll li jfittxu jipproteġu l-pubbliku minn dawn l-annimali. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal:

detenturi ta' liċenzja ta' żoo;

żoos li ma jkunux liċenzjati skont dawn ir-regolamenti u dan limitatament għall-finijiet ta' infurzar; u

annimali li jinsabu f'żoo liċenzjat jew li jinsabu fi kwalunkwe sit li qiegħed jiġi operat bħala żoo li ma jkunx liċenzjat skont dawn ir-regolamenti.

Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll għaż-żoos eżistenti liċenzjati b' perjodu tranżitorju ta' sena sabiex ikunu konformi mar-regolamenti proposti fir-rigward tal-magħlaq.

Regolament 2 - Numru ta' tifsiriet qed jiġu introdotti, prinċipalment it-tifsira ta' applikant li għandu jkun il-persuna li għandha l-intenzjoni li timmaniġġja, torganizza, twaqqaf jew topera żoo, it-terminu annimal perikoluż jirreferi għall-annimali elenkati fl-Iskeda u t-tifsira ta' annimali eżotiċi li għandu jkollhom it-tifsira ta' annimali li mhumiex indiġeni għat-territorju ta' Malta u li mhumiex imrobbija jew imrobbija regolarment bħala annimali tar-razzett f'Malta.

It-terminu magħlaq qed jiġi propost ukoll bħala spazju magħluq li fih jistgħu jinżammu l-annimali skont kif stipulat f'dawn ir-regolamenti proposti.

It-tifsira ta' detentur tal-liċenzja tispeċifika illi hija persuna li għandha liċenzja ta' żoo skont dawn ir-regolamenti.

Għandu jkun hemm ukoll reġistru li fih jiġu rreġistrati l-annimali kollha perikoluż elenkati fl-Iskeda u li għandu jinżamm mid-Direttur u msejjaħ "Ir-Reġistru ta' Annimali Perikoluż f'Żoos".

It-terminu żoo huwa definit bħala l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu l-annimali perikoluż, eżotiċi u, jew annimali selvaġġi għal skop ta' esebizzjoni lill-pubbliku kemm jekk titħallas jew ma titħallasx miżata għad-dħul, u bl-eċċezzjoni ta' pet shops.

Regolament 3 - Kwalunkwe persuna li jkollha l-intenzjoni li topera żoo għandha tapplika għal liċenzja mad-Direttur għas-Servizzi Veterinarji permezz tal-formola idoneja.

Regolament 4 - Detentur ta' liċenzja għandu jkollu biss liċenzja waħda li għandha tkun valida għal perjodu ta' sena mid-data ta' meta inħarġet. Dawk li diġà qed joperaw żoo għandhom japplikaw għat-tiġdid tal-liċenzja tagħhom mad-Direttur.

Kopja tal-liċenzja u, jew liċenzja mġedda għandha titqiegħed fid-daħla prinċipali taż-żoo u n-numru tal-liċenzja għandu jiġi inkluż fuq kwalunkwe materjal promozzjonali.

Fl-applikazzjoni tagħhom sabiex jiksbu liċenzja ta' żoo, l-applikanti għandhom jinkludu id-dettalji kollha meħtieġa bħall-mezzi irriversibbli ta' identifikazzjoni tal-annimali, l-adegwatezza tas-sit u l-magħlaq, miżuri sabiex jiżguraw is-sikurezza u l-benesseri tal-annimali u tal-pubbliku ġenerali, il-permessi kollha meħtieġa mil-liġi u l-informazzjoni kollha dwar il-membri tal-persunal u l-kuntratturi involuti fil-ġestjoni tal-annimali. Kwalunkwe bidla fil-membri tal-persunal jew tal-kuntratturi, għandha tiġi nnotifikata lid-Direttur fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn tali bidla.

Applikazzjoni tista' tintlaqa' jew tiġi rifjutata. Id-Direttur jista' jilqa' biss applikazzjoni għal liċenzja ta' żoo wara li jitħallsu l-miżati relevanti hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għaż-Żamma ta' Annimali f' Żoos u meta l-applikant u l-membri tal-persunal jew il-kuntratturi għandhom l-għarfien u, jew l-esperjenza meħtieġa, fejn id-detentur tal-liċenzja għandu biżżejjed għarfien dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija xierqa ta' żoo u l-immaniġġjar xieraq tal-annimali, l-applikant u l-membri tal-persunal ikunu jafu kif jista' jiġi evitat li annimal jaħrab u li l-applikant u l-persunal ma jkunux instabu ħatja ta' kwalunkwe reat li jinvolvi t-trattament ħażin tal-annimali jew kwalunkwe reat ieħor kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u, jew ir-regolamenti magħmula.

Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni għal-liċenzja ta' żoo għal kwalunkwe raġuni li hu jqis raġjonevoli u fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimal u s-sigurtà tal-pubbliku ġenerali.

L-ebda annimal perikoluż elenkat fl-Iskeda ma għandu jiġi introdott f'żoo. Madankollu, dan ma għandux japplika fir-rigward ta' annimal perikoluż jekk jinġieb fiż-żoo għall-finijiet ta' riċerka u konservazzjoni kif stabbilit fir-regolament 11. M'għandux japplika wkoll għal trasferimenti ta' annimali perikoluż minn żoo għal żoo ieħor fejn f' tali ċirkostanzi, l-approvazzjoni tad-Direttur hija dejjem meħtieġa qabel it-trasferiment.

Għandu jkun hemm ukoll obbligazzjoni fuq kull detentur tal-liċenzja sabiex ikun kopert b'polza tal-assikurazzjoni għal telf jew ħsarat potenzjali li jistgħu jiġu kkawżati lill-partijiet terzi.

Regolament 5 - Fir-rigward tal-magħlaq, dawn ir-regolamenti jistipulaw li l-annimali kollha, irrispettivament jekk perikoluż jew le, għandhom jinżammu f'magħlaq adegwat u sigur li jirrispetta ir-rekwiżiti speċifiċi u individwali tal-fiżjoloġija, il-psikoloġija, il-konservazzjoni u l-imġiba tal-annimal.

Il-magħlaq li jinżammu fihom l-annimali għandhom ikunu mibnija b'materjal b' saħħtu u li jservi fit-tul sabiex jiġi limitat kwalunkwe korriment possibbli jew ħarba. Iż-żoos li jinżammu fihom annimali perikoluż kif stipulat fl-Iskeda għandhom ifasslu miżuri bil-miktub għall-prevenzjoni u l-irkupru ta' annimali maħruba. Il-persunal għandu wkoll jiġi mħarreġ fl-evakwazzjoni tal-pubbliku f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fil-każ fejn annimal jaħrab, id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lid-Direttur fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

Id-Direttur jista' jitlob li l-magħlaq li jinżammu fihom ċertu annimali, ikollhom kamra fuq quddiem, b'sistema doppja ta' bibien li ma tkunx tista' tinfetaħ b'mod simultanju b'bieb separat magħmul minn materjal li huwa b'saħħtu u li jiflaħ għal tul ta' żmien, fejn kull bieb ikun jista' jiġi msakkar u miftuħ b'mod faċli mill-kustodju tal-annimal, li jkollhom mekkaniżmu li jissakkar u li mhux faċli jinfetaħ mill-annimal u li jinkludu sistema ta' trażżin tal-annimal kif meħtieġ għall-aċċess meħtieġ għall-għalf, it-tindif, l-amministrazzjoni ta' mediċina jew xort' oħra.

Barra minn hekk, subregolament ieħor importanti hu li d-detenturi tal-liċenzja ser ikunu meħtieġa mid-Direttur sabiex il-magħlaq jiġu ssorveljati b' sistemi tat-televiżjoni b' ċirkwit magħluq (CCTV) għal erbgħa u għoxrin (24) siegħa kull jum, sebat ijiem (7) fil-ġimgħa b' recordings tal-ħamest (5) ijiem preċedenti aċċessibbli meta mitluba mid-Direttur, fost rekwiżiti oħra.

Dawn ir-regolamenti jipproponu wkoll li l-annimali ma jinżammux f'magħlaq differenti minn dak il-magħlaq li suppost ikunu fih sakemm ma tingħatax l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mid-Direttur.

Finalment, sinjali relatati mas-sigurta' taż-żona għandhom jintwerew ħdejn kull magħlaq.

Regolament 6 - Il-piż u r-responsabbiltà tal-annimali li jinsabu fiż-żoo u dak kollu li jista' jiġri fiż-żoo għandhom jinġarru mid-detentur tal-liċenzja.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-annimali, din għandha tkun fil-forma ta' tpinġija (tattoo), ta' tagħmir intra-kapsulari konformi mal-istandard ISO 11784, jew l-istandard ISO 11785 f'Anness A, u, jew profil tad-DNA, li jiddependi mill-aħjar metodu għall-annimal partikolari jew kwalunkwe mezz ieħor li d-Direttur jista' jqis bħala addattat, meta jkun meħtieġ.

Id-detentur tal-liċenzja għandu jkun responsabbli li jżomm standard għoli ta' trobbija tal-annimali bi programm dwar is-saħħa tal-annimali, in-nutrizzjoni u l-benesseri tal-annimali żviluppat minn kirurgu veterinarju. Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ standards minimi relatati mal-faċilitajiet tas-saħħa fuq is-sit. Dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Ir-regolamenti proposti jipprojbixxu li kwalunkwe persuna tirrilaxxa deliberatament jew tipprova tħarrab annimal fl-ambjent naturali, sakemm dan ma jkunx debitament awtorizzat mid-Direttur.

Regolament 7 - Bħal fil-każ tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 439.19 – ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż, dawn ir-regolamenti jinkludu wkoll proviso fejn id-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala perikoluż u għaldaqstant, tali annimal għandu jiġi identifikat bħallikieku fil-lista tal-Iskeda.

F'dan il-każ, jekk annimal jitqies bħala annimal perikoluż u ma jkunx elenkat bħala tali fl-Iskeda, id-Direttur jista' joħroġ ordni ta' emerġenza fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun validu għal perjodu ta' sitt (6) xhur jew aktar, u li jkollha l-istess effett daqslikieku l-annimal perikoluż kien inkluż fil-lista.

L-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mid-Direttur hi meħtieġa sabiex annimal perikoluż ikun jista' jiġi trasferit f'żoo ieħor liċenzjat. Madanakollu, f'każijiet ta' trasferiment jew konfiska, jekk l-ebda żoo ieħor liċenzjat ma jista' jżomm it-tali annimal, id-Direttur jista' jfittex l-assistenza tad-detentur tal-liċenzja li għandu annimali perikoluż jew jikkonfiska t-tali annimal u jiddisponi minnu bl-aktar mod addattat.

Avviż Nru LLC T 02/2024. Xogħlijiet ta' pavimentar, manutenzjoni u xogħlijiet maġġuri ta' traqqigħ/kisi mill-ġdid b'mod effiċjenti fir-riżorsi li jikkunsidra impatti ambjentali wiesa' għall-Kunsill Lokali Ħal Lija (ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

CFT 020-3881/24. TB igra elisa kits and tube collection system – reissue

CFT 020-3882/24. 0.5ml K3EDTA paediatric tubes with carrier/extension tube

CFT 020-3883/24. Braided synthetic absorbable suture G2/0

CFT 020-3884/24. Braided synthetic absorbable suture G0

CFT 020-3885/24. Braided synthetic absorbable suture G6/0

CFT 009-3886/24. Vacuum aspiration pump for the Pathology Dept at Mater Dei Hospital

CFT 020-3887/24. Consumables for CT power injector at Radiotherapy Department

CFT 021-3888/24. Propafenone Hydrochloride 150mg capsules/tablets

CFT 020-3889/24. Braided synthetic absorbable suture G2/0

CFT 020-3890/24. Braided synthetic absorbable suture G2/0

CFT 020-3891/24. Braided synthetic absorbable G0 ties

CFT 009-3892/24. Office chairs for PHC

CFT 021-3893/24. Sulindac 200mg tablets

CFT 009-3894/24. Pharmaceutical refrigerators, 700litres

CFT 021-3895/24. Zoledronic acid 5mg solution for infusion

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

27th August, 2024

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Lija Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 27th September, 2024, for:

Advt No. LLC T 02/2024. Pavement works, maintenance works and major patching/resurfacing works in a resource efficient manner which considers wider environmental impacts for the Ħal Lija Local Council (re-issued).

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża

Is-27 ta' Awwissu, 2024

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żurrieq permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2024, għal:

Avviż Nru BR 67/04/24. Offerta ta' servizz għall-ġbir ta' skart goff u WEEE bl-użu ta' vettura tas-servizz b'emissjonijiet baxxi għall-Kunsill Lokali ż-Żurrieq;

Avviż Nru PC 67/05/24. Offerta ta' servizz għat-tindif u żamma ta' latrini pubbliċi fiż-Żurrieq b'impatt ambjentali ridott.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Awwissu, 2024

Any clarifications or addenda to the quotation document will be available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

27th August, 2024

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żurrieq Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 27th September, 2024, for:

Advt No. BR 67/04/24. Service tender for the collection of bulky refuse and WEEE using low emission service vehicle for the Żurrieq Local Counci;

Advt No. PC 67/05/24. Services tender for the cleaning and upkeep of public conveniences in Żurrieq with a reduced environmental impact.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th August, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1824

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' April 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 103/2024DC, li ġie ppreżentat fl-1 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Sessegnon Stephane, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u C, jiġu notifikati lill-intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. B bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th April 2024, in the records of Sworn Application number 103/2024DC, which was filed on the 1st February, 2024, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Sessegnon Stephane, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order a copy of this Application together with the documents hereby attached and marked as Doc. B and C, be notified to the respondent according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta and order the registration of the document hereby attached and marked as Doc. B as its official copy, so that such document constitutes an executive title.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-12 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimata: Sessegnon Stephane, Sirens Football Stadium, Annex Bldg, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 12th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Sessegnon Stephane, Sirens Football Stadium, Annex Bldg, Triq il-Wileġ, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 10th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1825

ARB/C053/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Awwissu, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD).

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CLYDE MALLIA;
MARIO MALLIA;
MASSIMO FASANELLI;

CHANELLE SPITERI, ta' 25 sena, bint Diane Spiteri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-18 ta' Awwissu, 1999, u residenti f''Anthony House', Block Q, Flat 11, Triq il-Ġiżi, L-Imtarfa, u/jew 1A, 'Sunshine', Triq Mozart, Ir-Rabat, Malta, detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 286799M.

XASNOLLEY SCHEMBRI;

U

CHRISTINE SCHEMBRI;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata CHANELLE SPITERI sabiex tirtira l-ammont ta' €617.88 li rċiviet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), fl-4 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Clyde Mallia, Mario Mallia, Massimo Fasanelli, CHANELLE SPITERI, Xasnolley Schembri, u Christine Schembri.

ARB/C053/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th August, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD).

The Republic of Malta

Versus

CLYDE MALLIA;
MARIO MALLIA;
MASSIMO FASANELLI;

CHANELLE SPITERI, 25 years, daughter of Diane Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 18th August, 1999, and residing at 'Anthony House', Block Q, Flat 11, Triq il-Ġiżi, Mtarfa, and/or 1A, 'Sunshine', Triq Mozart, Rabat, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 286799M.

XASNOLLEY SCHEMBRI;

AND

CHRISTINE SCHEMBRI;

The Court AUTHORISES the accused CHANELLE SPITERI to withdraw the amount of €617.88 received from the Department of Social Security.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD) on the 4th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 12th July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Clyde Mallia, Mario Mallia, Massimo Fasanelli, CHANELLE SPITERI, Xasnolley Schembri, and Christine Schembri.

Illum 21 ta' Awwissu, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 21st August, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1826

B'digriet tat-8 ta' Awwissu, 2024, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Bank of Valletta plc (C2833) fil-21 ta' Marzu, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€44,600.74) li ġew depożitati permezz ta' ċedola numru 1012/2013 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Bank of Valletta (C2833) vs Reginald Abela (KI 628344M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lil HSBC Bank Malta plc u lil Reginald Abela li jkollhom ħamest (5) ijiem żmien għat-tweġiba.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 8th August, 2024, given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Bank of Valletta plc (C2833) on the 21st March, 2024, is asking for the withdrawal of fourty four thousand, six hundred and seventy four cents (€44,600.74) deposited by the Schedule of Deposit number 1012/2013 in the names of:

HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Bank of Valletta (C2833) vs Reginald Abela (ID 628344M)

The Court ordered the notification to HSBC Bank Malta plc and Reginald Abela with five (5) days to reply.

Registry of the Superior Courts, today Wednesday, 21st August, 2024

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1827

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fl-20 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 688/10 fl-ismijiet l-Avukat Dott. Godfrey Gauci Maistre (KI 482740 M) u martu Joan et vs Josephine, armla minn John Galea Naudi (KI 194830M) et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Godfrey Gauci Maistre, Joan Gauci Maistre u Joseph Gauci Maistre u martu Petrina a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 688/10 ippreżentat fis-25 ta' Lulju, 2023, l-appellanti Juan Galea Naudi (KI 715558M), Mariella Cosby u Alfio Galea Naudi ħassewhom ferm aggravati bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet premessi u dan abbażi ta' sitt aggravji ċjoè: a) għar-rigward tat-titolu tar-rikorrenti; b) dwar kunsiderazzjoni fuq l-arblu tar-razza; c) fuq il-likwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri; d) fuq l-awtenticità tad-dokumenti; e) dwar in-nuqqas ta' prova tal-mandat; u f) dwar il-mala fede ta' Josephine Galea Naudi.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 20th August, 2024, in the records of the Application Number 688/10 in the names Advocate Dr Godfrey Gauci Maistre (ID 482740M) and his wife Joan et vs Josephine, widow of John Galea Naudi (ID 194830M) et, the following publication was ordered for the purpose of service of Godfrey Gauci Maistre and his wife Joan Gauci Maistre and Joseph Gauci Maistre and his wife Petrina in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap 12.

By means of the Appeal application number 688/10 filed on the 25th July, 2023, the appellants Juan Galea Naudi (ID 715558M), Mariella Cosby and Alfio Galea Naudi felt greatly aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court delivered on the 28th June, 2023, in the names premised and this on the basis of six grounds namely: a) as regards the title of the applicants; b) regarding considerations related to the genealogy; c) regarding the award of damages arbitrio boni viri; d) regarding the authenticity of the documents; e) regarding the lack of proof of the warrant; and f) regarding the bad faith of Josephine Galea Naudi.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti Prim'Awla nhar it-28 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet premessi u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti u dan filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti

Therefore, the appellants request this Honourable Court to annul and revoke the judgment delivered by the First Hall of the Civil Court delivered on the 28th June, 2023, in the names premised and instead proceed to dismiss all the claims brought forward by the applicant and this whilst upholding the pleas submitted by the respondents with costs of both instances against the applicants.

Notifika: Godfrey Gauci Maistre u Joan Gauci Maistre, 114/2, Triq St Luċija, Il-Belt Valletta

Notification: Godfrey Gauci Maistre and Joan Gauci Maistre, 114/2, Triq St Luċija, Valletta

Joseph Gauci Maistre u Petrina Gauci Maistre, Ta' Bin Wistin, l-Għallis, In-Naxxar

Joseph Gauci Maistre and Petrina Gauci Maistre, Ta' Bin Wistin, Għallis, Naxxar

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 22 ta' Awwissu, 2024

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 22nd August, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1828

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 561/2024JVC, li ġie ppreżentat fis-17 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet: Tal-Karmnu Contructions Limited et vs Sciberras Emanuel et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna u tikkundanna lill-intimati, sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombraw minn kwalsijasi porzjon mill-imsemmij porzjon ta' art. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th June, 2024, in the records of Sworn Application number 561/2024JVC, which was filed on the 17th May, 2024, in the names: Tal-Karmnu Constructions Limited et vs Sciberras Emanuel et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order and condemn the respondents so that within a short and peremptory period they vacate from any portion of the mentioned portion of land. With all costs against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-4 ta' Settembru, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 4th September, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Sciberras Emanuel, 200, Triq l-Imdina, Ħal Qormi

Notify Respondent: Sciberras Emanuel, 200, Triq l-Imdina, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2024

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1829

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 357/2024JVC, li ġie ppreżentat fit-3 ta' April, 2024, fl-ismijiet: Zammit Elisa et vs Deguara Penelope Ann, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th June, 2024, in the records of Sworn Application number 357/2024JVC, which was filed on the 3rd April, 2024, in the names: Zammit Elisa et vs Deguara Penelope Ann, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 for the

konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-qasma ta' tali assi skont il-liġi bejn ir-rikorrenti u l-intimata. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Ottubru, 2024, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimata: Deguara Penelope Ann, Dar it-Tuta, Triq Tal-Ibraġ, Tal-Ibraġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Lulju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the partition of such assets according to law between the applicants and the respondent. With all costs against the respondent who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 3rd October, 2024, at 11.00 a.m.

Notify Respondent: Deguara Penelope Ann, Dar it-Tuta, Triq Tal-Ibraġ, Tal-Ibraġ

Registry of the Superior Courts, today 29th July, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.))
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1830

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' Joseph Zammit ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Zarena Cilia fl-atti taċ-ċedola numru 1319/2024 fl-ismijiet Joseph Zammit vs Kuraturi Deputati u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Joseph Zammit (KI 0343949M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Zarena Cilia, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Mejju 2024 fejn Joseph Zammit (KI 0343949M) espona bir-rispett:

Illi l-esponenti għandu mqabbla għandu r-raba' li tinsab fil-limiti taż-żona magħrufa bħala Tar-Ramel f'Ħaż-Żebbuġ li huwa kien jikri mingħand Zarena Cilia u dan versu l-ħlas tal-qbiela annwu li kienet titħallas bil-quddiem ta' €24.50 fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena;

Illi sa fejn jaf l-esponenti Zarena Cilia mietet u ma jafx min huma l-eredi tagħha. Għalhekk kontestwalment qiegħed jirrikorri għan-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eredi mhux magħrufa ta' Zarena Cilia;

Illi l-esponenti bl-iskop li jeċimi ruħu minn kwalsijasi responsabbiltà qiegħed jgħaddi għad-depożitu taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti tal-ammont ta' qbiela dovuta għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, ossija l-ħlas tal-qbiela ta' dawn l-aħħar ħames snin mill-15 ta' Awwissu, 2019 sal-14 ta' Awwissu, 2024, fl-ammont ta' €24.50 fis-sena kif ukoll

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 22nd May, 2024, following a request by Joseph Zammit it was ordered that Deputy Curators be selected to represent the unknown heirs of Zarena Cilia in the acts of the schedule of deposit number 1319/2024 in the names Joseph Zammit vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 15th May 2024, in the names Joseph Zammit (ID 0343949M) vs Deputy Curators to represent the unknown heris of Zarena Cilia, the applicant Joseph Zammit (ID 0343949M) respectfully submitted:

That the applicant has on agricultural lease situated in the limits of the area known as Tar-Ramel in Ħaż-Żebbuġ which rented from Zarena Cilia and this towards the payment of the annual agricultural lease which was paid in advance of €24.50 on the 15th August of each year;

That as far as he knows the interpellant Zarena Cilia died and does not know who her heirs are. Thus at the same time he is having recourse to the nomination of deputy curators to appear for the unknown heirs of Zarena Cilia;

That the applicant in order to safeguard himself from any responsibility is depositing under the authority of this Honourable Court the amount of rent due for all intents and purposes of law, that is the payment of the agricultural rent of the last five years from the 15th August, 2019 till the 14th August, 2024, in the amount of €24.50 per year as well as

il-qbiela għas-sena li ġejja mill-15 ta' Awwissu, 2024 sal-14 ta' Awwissu, 2025, li flimkien jammontaw għal €147.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimi ruħu minn kwalsijasi responsabbiltà qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożita s-somma ta' €103.73 li flimkien ma' €43.27 spejjeż tal-odjerna proċedura, jammontaw għas-somma ta' €147 rappreżentanti ħlas għal-qbiela tal-għalqa li tinsab fil-limiti taż-żona magħrufa bħala Tar-Ramel, f'Ħaż-Żebbuġ, għall-perjodu mill-15 ta' Awwissu, 2019 sal-14 ta' Awwissu, 2025, sabiex tiġi liberament żbankata minn min għandu jedd prevja r-rilaxx tad-debita rċevuta.

Esponenti: Il-Bejta, Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti , u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekużżjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Marseann Farrugia, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 18 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the rent for the coming year from the 15th August, 2024 to 14 August, 2025, together amounting to €147.

Thus, the applicant in order to safeguard himself from any responsibility is calling upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of €103.73 which together with €43.27 costs of the present procedure, amount to the sum of €147 representing payment for the agricultural rent of the field situated in the limits of the area known as Tal-Ramel, in Ħaż-Żebbuġ, for the period from 15th August, 2019 to 14th August, 2025, in order to be freely withdrawn by who has the right to it after leaving the due receipt.

Applicant: Il-Bejta, Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Marseann Farrugia, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the abovementioned Court.

Today 18th July, 2024

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 22nd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1831

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Ġunju, 2024, Rikors numru 551/2024, minn Stephanie Saliba fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Lorenza sive Lorraine Saliba u Stephanie Saliba wlied id-decujus fi kwoti ugwali bejniethom, bid-dritt ta' użufrutt favur ommhom Mary Saliba née Catania fuq nofs (1/2) indiviż tal-wirt tad-decujus is-suċċessjoni ta' Paul Saliba, żewġ Mary née Catania, bin il-mejtin Carmelo u Domenica née Agius, imwieled Tas-Sliema, kien residenti Tas-Sliema, Malta u miet Tal-Pietà,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 19th June, 2024, Application number 551/2024, by Stephanie Saliba whereby she requested that it be declared open in favour of Lorenza sive Lorraine Saliba and Stephanie Saliba, children of the decujus in equal shares between them with the right of usufruct in favour of their mother Mary Saliba née Catania on half (12) undivided share of the estate of the decujus the succession of Paul Saliba, husband of Mary née Catania, son of the late Carmelo and Domenica née Agius, born in Tas-

Malta, fl-10 ta' Jannar, 2003, ta' 72 sena, li kellu karta tal-identità numru 591230M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 22 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Sliema, resided in Tas-Sliema, and died in Tal-Pietà, Malta, on the 10th January, 2003, aged 72, and held identity card number 591230M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 22nd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1832

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Lulju, 2024, mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 1804/2023, fl-ismijiet (rikorrenti) Lombard Bank Malta plc vs (intimat) Alexander Aloisio ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander Aloisio a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (rikorrenti) Lombard Bank Malta plc (C1607) vs (intimat) Alexander Aloisio (KI 766551M) fid-19 ta' Settembru, 2023, ir-rikorrenti Lombard Bank Malta plc (C1607) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond: Penthouse internament immarkata bin-numru 5D, fi blokka ta' appartamenti li jġibu in-numru 8 f'kumpless li jismu Cloisters Walk numru 20, Triq Carmel, San Ġiljan, u l-garaxx internament immarkat 31 livell ta' fuq il-kumpless ta' garaxxijiet b'entratura komuni minn Triq Carmel San Ġiljan.

Sentenza: Lombard Bank Malta lc vs Alexander Alosio (KI 766551M) mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2023, mill-Imħallef Joanne Vella Cuschieri (Rikors Ġuramentat numru 653/2022 JVC) skont kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Illum 19 ta' Settembru, 2023

Ippreżentat mill-Avukat Dott. Rachel M. Bonello u l-PL Gerald Bonello

By means of a decree of the 22nd July, 2024, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Eviction number 1804/2023 in the names (Applicant) Lombard Bank Malta plc vs (respondent) Alexander Aloisio the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Aloisio in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (applicants) Lombard Bank Malta plc (C1607) vs (respondent) Alexander Aloisio (ID 766551M) filed on the 19th September, 2023, the applicant Lombard Bank Malta plc (C1607) asked this Honourable Court:

To order the issue of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to vacate till this day.

Premises: Penthouse internally marked with number 5D in a block of appartments holding number 8 in a complex named Cloisters Walk number 20, in Triq Carmel, St Julian's and the garage internament marked number 31 upper level of the garages complex with a common entrance from Triq Carmel, St Julian's.

Judgement: Lombard Bank Malta plc vs Alexander Aliosio (KI 766551M) given on the 13th July, 2023, by Judge Joanne Vella Cuschieri (Sworn Application number 653/2022JV according to a copy here attached and marked as Doc. A.

Today 19th September, 2023

Filed by Dr Rachel M Bonello and LP Gerald Bonello

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi, Imħallef tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Settembru, 2023

Esponenti: 67, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Notifika Intimat: Penthouse 5D, Block 8, Cloisters Walk 20, Triq Carmel, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 19th September, 2023

Applicant: 67, Triq ir-Repubblika, Valletta

Notification Respondent: Penthouse 5D, Block 8 Cloisters Walk, 20, Triq Carmel, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1833

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Marzu, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Theresea sive Tessie Xuereb et vs Aleksandar Stamenkovic, Rikors numru 61/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Aleksandar Stanenkovic a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Theresa sive Tessie Xuereb (KI 849648M), Rose Mary sive Rosemarie Dalli (KI 157046M) u Graziella Arena Dalli (KI 101975M) u Reuben Dalli (KI 314970M) għal kull interess li jista' jkollhom vs Aleksandar Stamenkovic (KI 0142604A), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Theresa sive Tessie Xuereb, Rose Mary sive Rosemarie Dalli u Graziella Arena Dalli u Reuben Dalli talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikajara illi l-intimat kiser il-ftehim mar-rikorrenti u li għandu jiġi żgumbrat;

3. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-appartament numru 7 formanti parti mill-Blokka numru 290 fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, fi żmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-Onorabbli Bord;

By means of a decree of the 13th March, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Theresa sive Tessie Xuereb et vs Aleksandar Stamenkovic, Application number 61/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Aleksandar Stamenkovic in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Theresa sive Tessie Xuereb (ID 849648M), Rose Mary sive Rosemarie Dalli (ID 157046M) and Graziella Arena Dalli (ID 101975M) and Reuben Dalli (ID 314970M) for any interest they may have vs Aleksandar Stamenkovic (ID 0142604A) filed in the Rent Regulation Board, on the 7th February 2024, the applicants Theresa sive Tessie Xuereb, Rose Mary sive Rosemarie Dalli and Graziella Arena Dalli and Reuben Dalli requested this Honourable Board why it should not:

1. . Decide the cause without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent violated the agreement with the applicants and that he should be evicted;

3. Order the eviction of the respondent from apartment number 7 forming part of Block number 290 in Manwel Dimech Street, Sliema within a short and peremptory time fixed by this Honourable Board;

4. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur ta' Theresa sive Tessie Xuereb u Rose Mary sive Rosemarie Dalli fis-somma ta' €7002.34 rappreżentanti kirjiet mhux imħallsa u kontijiet tad-dawl u ilma jew kwalunkwe somma oħra verjuri li jidhirlu dan l-Onorabbli Bord;

5. Jordna lill-intimat iħallas is-somma msemmija fit-talba preċedenti.

Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali numru 1162/23 kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: Theresa sive Tessie Xuereb, 290, Appartment 1 u 2, Triq Manoel Dimech, Tas-Sliema

Rose Mary sive Rosemarie Dalli, 336, Appartment 1 u 2, Triq D'Argens, Il-Gżira

Graziella Dalli, 4, Sqaq San Mikiel, Ħaż-Żabbar, flimkien ma' ħuha Reuben Dalli, 281, Appartment 7, Triq San Albert, Il-Gżira

Notifika: Aleksandar Stamenkovic, 290, Appartment 7, Manwel Dimech, Tas-Sliema

Ir-rikors fl-ismijiet Theresa sive Tessie Xuereb vs Aleksandar Stamenkovic, Rikors numru 61/2024JG, jinsab differit għat-30 ta' Settembru, 2024, fis-1.40 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Declare that the respondent is a debtor of Theresa sive Tessie Xuereb and Rose Mary sive Rosemarie Dalli in the sum of €7002.34 representing unpaid rents and water and electricity bills or any other correct sum that this Honourable Board deems fit;

5. Order the respondent to pay the sum mentioned in the preceeding demand.

With costs including the judicial letter number 1162/23 against the respondent from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicants: Theresa sive Tessie Xuereb, 290, Appartment 1 u 2, Triq Manoel Dimech, Tas-Sliema

Rose Mary sive Rosemarie Dalli, 336, Appartment 1 u 2, Triq D'Argens, Gżira

Graziella Dalli, 4 Sqaq San Mikiel, Ħaż-Żabbar, flimkien ma' ħuha Reuben Dalli, 281 Appartment 7, Triq San Albert, Gżira

Notification: Aleksandar Stamenkovic, 290, Appartment 7, Manwel Dimech, Tas-Sliema

The application in the names Theresa sive Tessie Xuereb et vs Aleksandar Stamenkovic, Application number 61/2024JG has been postponed for hearing to the 30th September, 2024, at 1.40 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1834

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Awwissu, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Silvio Sciberras vs Korezak Orezak u Iwona Barbara Walczek, Rikors numru 197/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Korezak Orezak u Iwona Barbara Walczek a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Silvio Sciberras (KI 419761M) vs Korezak Orezak u Iwona Barbara Walczek, preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fid-29 ta' April, 2024, ir-rikorrenti Silvio Sciberras (KI 419761M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond 182, Triq il-Bejta, Flat 2, Birkirkara Hill, San Ġiljan, Ta' Giorni, entro dak it-terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jiffissa;

By means of a decree of the 6th August, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Silvio Sciberras vs Korezak Orezak et, Application number 197/2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Korezak Orezak and Iwona Barbara Walczek in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Silvio Sciberras (ID 419761M) vs Korezak Orezak and Iwona Barbara Waltzek filed in the Rent Regulation Board, on the 29th April, 2024, the applicant Silvio Sciberras requested this Honourable Board why it should not:

1. Order the eviction of the respondents from the premises 182, Triq il-Bejta, Flat 2, Birkirkara Hill, St Julian's, Ta' Giorni, within a short and peremptory period that this Honourable Board shall fix;

2. Jordna lill-intimati sabiex jgħaddu kopja taċ-ċwievet il-ġodda tal-appartament inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju;

3. Jiddikjara illi l-intimati għandhom jħallsu lill-esponenti s-somma komplessiva ta' €400) dovuti kwantu għal xahar arretrati tal-kera;

4. Jiddikajra li l-intimati għandhom iħallsu kull ammont li jkun dovut bħala kirja u kontijiet marbuta mal-fond inkwistjoni fi żmien d-deċiżjoni ta' din il-kawża odjerna;

5. Jikkundanna u jordna lill-istess intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma determinata minn dan l-istess Bord.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 43, Triq Stephanotis, Santa Luċija

Notifika: Korezak Orezak u Iwona Barbara Walczek, 182, Triq il-Bejta, Flat 2, Birkirkara Hill, San Ġiljan, Ta' Giorni.

Ir-rikors fl-ismijiet Silvio Sciberras vs Korezak Orezak et, Rikors numru 197/2024CG jinsab differit għall-24 ta' Settembru, 2024, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order the respondents to pass on a copy of the new key of the apartment in question within a short and peremptory time;

3. Declare that the respondents are to pay the applicant the total amount of €400 due as for one month of rent arrears;

4. Declare that the respondents are to pay any amount that is due as rent and bills related to the premises in question at the time of the decision of this present cause;

5. Condemn and order the same respondents to pay the applicant the sum determined by this same Board.

With costs and legal interest till the effective payment against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: 43, Triq Stephanotis, Santa Luċija

Notification: Korezak Orezak u Iwona Barbara Walczek, 182, Triq il-Bejta, Flat 2, Birkirkara Hill, St Julian's, Ta' Giorni.

The application in the names Silvio Sciberras vs Korezak Orezak et, Application number 197/2024CG has been postponed for hearing to the 24th September, 2024, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1835

B'digriet tad-19 ta' Awwissu, 2024, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12)

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Marzu, 2023, minn Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833, Subbasta bin-numru 8/23 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Simon Tabone (KI 199779M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-appartament internament immarkat numru erbgħa (4) illi jinsab fis-second floor level u ċjoè fit-tielet sular mit-triq formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru uffiċjali bl-isem ta' 'Alisa' fi Triq Lorry Sant ġja triq ġdida bla isem illi tagħti għal Cospicua Road, il-Fgura, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, hekk kif suġġett

By a decree given on the 19th August, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 20th March, 2023, by Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Judicial Sale file numbered 8/23 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Simon Tabone (ID 199779M) is being asked that the Court orders the sale by auction of:

The apartment internally numbered number four (4) situated at the second floor level forming part of a block of apartments without official number and named "Alisa", in Triq Lorry Sant, previously a new street without name that gives access to Cospicua Road, Fgura, with all its rights and appurtenences, as subject to and enjoys from its

u jgawdi s-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-qagħda tiegħu, tale quale, inkluż is-sehem indiviż prorata mill-partijiet komuni, flimkien mal-proprjetarji l-oħra tal-istess blokk, tal-entratura, tat-taraġ, indani, drains, u drainage system, lift shaft, u dawk is-servizzi u partijiet kollha l-oħra intiżi għall-użu komuni. Eskluża l-arja, inkluż però d-dritt ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma tas-seba' mija u ħamsin litru (750L) u television aerial u/jew satellite dish ta' mhux aktar minn wieħed punt wieħed metri (1.1m) dijametru fuq il-bejt tal-blokk hawn fuq imsemmi, f'post indikat u bid-dritt ta' aċċess għall-istess bejt f'każ ta' ħsara u manutenzjoni ta' dawn is-servizzi f'ħinijiet raġonevoli, inkluż id-dritt ta' użu ta' dik il-parti tal-bejt sovraposta għall-istess appartament flimkien mas-sidien l-oħra tal-appartament fl-istess blokk.

Il-blokk li minnu jifforma parti dan il-flat jikkonfina mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' beni ta' Carcam Limited u Jolmar Limited jew l-aventi kawża tagħhom jew irjieħ verjuri, filwaqt illi l-appartament jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq Lorry Sant, mil-Lvant ma' proprjetà ta' F.J.A. Limited jew l-aventi kawża tagħha u mill-Punent in parti mal-aventi kawża ta' Jolmar u Carcam Limited u in parti mal-istess Triq Lorry Sant jew irjieħ verjuri.

Il-garaxx mingħajr l-arja tiegħu, internament u mhux uffiċjalment immarkat bin-numru sebgħa (7) illi jinsab f'upper basement level, liema blokk illi minnu jifforma parti dan il-garaxx jinsab fi Triq Lorry Sant ġja triq ġdida bla isem illi tagħti għal Cospicua Road, Fgura, formanti parti minn korp ta' bini akbar konsistenti f'żewġ livelli ta' garaxxijiet, fl-upper u lower basement level u tliet (3) korpi ta' appartamenti u maisonettes illi huma bla numru uffiċjali iżda immarkati bl-ittri A, B, u C, liema korp huwa mibni fuq sitt (6) plots immarkati bin-numru ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa u għaxra (5, 6, 7, 8, 9, 10) formanti parti minn porzjon ta' art akbar magħrufa bħala 'Ta' Pietra Lunga' aċċessibbli minn Triq Lorry Sant ġja triq ġdida bla isem illi tiżbokka f'Cospicua Road, Il-Fgura. Dan il-garaxx huwa eżenti minn kwalunkwe piż piju, annwu u perpetwu li jista' jaggrava l-proprjetà, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u hekk kif igawdi u huwa suġġett għas-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-qagħda tiegħu. Il-blokk ittra B li minnu jifforma parti l-garaxx hawn imsemmi jikkonfina mit-Tramuntana ma' beni ta' Gavril Svetlick u Mary Rose Flores jew l-aventi kawża tagħhom, min-Nofsinhar mal-imsemmija Triq Lorry Sant u Lvant mal-blokk ittra A, beni ta' Raise Fields Development Limited jew l-aventi kawża tagħha. Dan il-garaxx huwa aċċessibbli minn drive in komuni bla numru illi tiftaħ għat-triq hawn fuq imsemmija u inkluż id-dritt perpetwu tal-użu tal-partijiet komuni tal-imsemmija livelli ta' garaxxijiet u ċjoè tal-entratura minn rampa u daħla illi tagħti aċċess għall-istess garaxx.

active and passive servitudes resulting from its position, tale quale, including its undivided pro-rate share of the common parts, together with the other owners of the same block, the entrance, the stairs, hallways, drains, and drainage system, lift shaft, and all the other services and parts intended for the common use. Excluding the air, however including the right to install a water tank of seven hundred and fifty litres (750L) and television aerial and/or satellite dish not larger than one point one metre (1.1m) in diameter on the roof of the block here mentioned, in an indicated place and with the right of access to the same roof in case of damage and maintenance of these services in reasonable hours, including the right to use that area of the roof overlying the same apartment together with the other apartment owners in the same block.

The block that this apartment forms part of is bounded North with the said street, West and East with property of Carcam Limited and Jolmar Limited or their successors in title, or other correct boundaries, whilst the apartment is bounded North with Triq Lorry Sant, East with property of F.J.A. Limited or their successors in title, and West in part with the successors in title of Jolmar and Carcam Limited and in part with the same Triq Lorry Sant or other correct boundaries.

The garage without its airspace, internally and unoffically marked number seven (7), situated on the upper basement level, forming part of a block situated in Triq Lorry Sant previously a new street without name that gives access to Cospicua Road, Fgura, forming part of a larger building complex consisting of two garage levels, on the upper and lower basement level and three (3) buildings of apartments and maisonettes, without official number however marked with the letter A, B and C, which building are built on six (6) plots marked with the numbers five, six, seven, eight, nine and ten (5, 6, 7, 8, 9, 10) forming part of a larger portion of land known as 'Ta' Pietra Lunga', accessible from Triq Lorry Sant previously a new street without name that abuts onto Cospicua Road, Fgura. This garage is exempt from any annual and perpetual burdens that can burthens the property, with all its right and appurtenances, and enjoys and is subject to active and passive servitudes resulting from its position. The block letter B which the said garage forms part of is bounded North with property of Gavril Svetlick and Mary Rose Flores or their successors in title, South with the said Triq Lorry Sant and East with block letter A, property of Raise Fields Developments Limited or their successors in title. This garage is accessible from a common drive in without number that leads onto the mentioned street, and include the perpetual right of use of the common parts of the said garages levels and therefore the entrance from the ramp and entrance that gives access to the same garage.

L-imsemmija appartament u garaxx ġew akkwistati permezz ta' kuntratt datat it-tlettax ta' Lulju, tas-sena elfejn u ħamsa (13.7.2005), in atti n-Nutar Dott. Patricia Hall.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Simon Tabone (KI 199779M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said apartment and garage were acquired by means of a contract dated the thirteenth of July of the year two thousand and five (13.7.2005), in acts of Notary Dr Patricia Hall.

The said property belongs to Simon Tabone (ID 199779M).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 23rd August, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1836

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 209/2024AGV fl-ismijiet Emmanuel Cachia vs Debbie Lora Cachia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Debbie Lora Cachia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Emmanuel Cachia (KI 0406986M) vs Debbie Lora Cachia (KI 367499M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 209/2024AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta' April, 2024, ir-rikorrenti Emmanuel Cachia talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

